# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Erbgħatax (14) ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 1216/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Avukat Louis Cassar Pullicino (K.I. 441061 M) bħala mandatarju speċjali tal-banek esteri State Bank of India, Bank of Beroda, Corporation Bank, the Federal Bank Limited, IDBI Bank Limited, Indian Overseas Bank, Jammu & Kashmir Bank Limited, Punjab & Sind Bank, State Bank of Mysore, UCO Bank, United Bank of India u JM Financial Asset Reconstruction Co. PVT Ltd**

**Vs**

**Avukat Giannella Farrugia (K.I. 363093M) bħala mandatarja speċjali ta' Indian Empress Limited, soċjeta' estera reġistrata Isle of Man bin-numru uffiċjali (120636C) u, permezz ta' nota datata 4 ta' Frar 2019, Dr Kristina Rapa Manche assumiet l-atti bħala mandatarja flok Dr Giannella Farrugia**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Diċembru 2018, li permezz tiegħu rikorrent nomine talab is-segwenti:

    1. *Illi b'sentenza mogħtija fid-19 ta' Jannar 2017 mid-Debt Recovery Tribunal, Karnataka, f'Bangalore, l-India, il-Banek rikorrenti ġew kanonizzati kredituri fil-konfront ta' fost oħrajn il-konvenut Dr. Vijay Mallya u dan f'ammont li skont ir-rata tal-kambju viġenti hija ekwivalenti għal Eur 1,302,957,910.00, u dan in konnessjoni ma' kreditu li oriġina minn Master Debt Recast Agreement datat 21 ta' Diċembru 2010, kif jirriżulta aħjar mill-imsemmija sentenza u ftehim, kopja ta'*

*liema qed jiġu hawn annessi u mmarkati rispettivament bħala dok A1 u A2;*

2. *Illi sa' llum il-konvenuti f'dawk il-proċeduri, fosthom il-konvenut Dr. Vijay Mallya, naqsu li jħallsu d-dejn kanonizzat bis-saħħa ta' dina s-sentenza;*

3. *Illi dina s-sentenza estera tissodisfa r-rekwiżiti kollha elenkati fl-artikli 826 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tista' tiġi dikjarata li hija eżegwibbli hawn Malta;*

4. *Illi permezz ta' garanzija personali li ngħatat mill-konvenut Dr. Vijay Mallya u datata 21 ta' Diċembru 2010 a tenur ta' dak pattwit fl-imsemmi Master Debt Recast Agreement, il-konvenut Dr. Vijay Mallya kkostiwixxa ruħu garanti solidali għal dejn ta' terzi li kienu partijiet kontraenti fl-imsemmi Master Debt Recast Agreement u fost obbligi assunti minnu fil-konfront tal-banek rikorrenti huwa obbliga ruħu "....not to convey, sell, lease, let or otherwise dispose of (or agree to do any of the foregoing at any future time) all or any part of his property or assets without the prior written approval of the lenders Agent and the Lenders" u dan sakemm jitħallas id-dejn li għalih kien garanti personalment;*

5. *Illi din il-garanzija personali ngħatat lill-Banek rikorrenti fi żmien meta l-konvenut Dr. Vijay Mallya kien il-benefiċċjarju aħħari (beneficial owner) ta' l-bastiment ossia yacht magħruf bl-isem "Indian Empress" u konsegwentement huwa kien obbligat li jżomm fil-patrimonju personali u/jew l-kontroll tiegħu il-proprjeta' tal-imsemmi bastiment;*

6. *Illi riċentement u preċiżament fil-25 ta' Settembru 2018, dina l-Qorti ordnat li jsir il-bejgħ privat tal-imsemmi bastiment m/y Indian Empress versu l-prezz ta' ħamsa u tletin miljun Euro (Eur 35,000,000.00) a favur tas-soċjeta' Maltija bl-isem Sea Beauty Yachting Limited u dan fuq talba magħmula minn Barclays Bank plc li kellu kreditu naxxenti minn ipoteka navali reġistrat fuq il-bastiment u liema ipoteka navali ġiet ikkostitwita favur l-imsemmi Bank qua mortgagee mis-sid reġistrat tal-bastiment ossia s-soċjeta' Indian Empress Limited, soċjeta' ikkostitwita fl-Isle of Man;*

7. *Illi a tenur tal-imsemmi provvediment ġie depositat il-prezz mill-kompratur kif ordnat mill-Qorti permezz ta' ċedola ta' depositu numru 1797/18 fis-26 ta' Settembru 2018 u konsegwentment ġie maħruġ il-Bill of Sale favur il-kompratur fl-istess jum. Kopji taċ-ċedola ta' Depositu u Bill of sale qed jiġu annessi u mmarkati dok A3 u A4;*

8. *Illi permezz ta' rikors konġunt preżentat fil-5 ta' Novembru 2018, il-kredituri tal-bastiment m/y Indian Empress flimkien mas-sid reġistrat Indian Empress Limited talbu lil dina l-Qorti li jiġi żbankat l-ammont komplessiv ta' Eur 30,865,497.37 a saldu tal-krediti rispettivi fil-konfront tal-imsemmi bastiment b'dan illi malli jsir dan il-ħlas, l-bilanċ rimanenti mir-rikavat mbagħad kellu jiġi rilaxxjat a favur ta' Indian Empress Limited;*

9. *Illi l-Banek rikorrenti jsostnu illi l-istruttura ta' trust li allegatament issa qed tingħad li kienet is-sid wara s-soċjeta' konvenuta Indian Empress Limited u qabel il-bejgħ tal-bastiment m/y Indian Empress kif ordnat mill-Qorti, mhi xejn ħlief faċċata ossia il-lunga manus tal-konvenut Dr. Vijay Mallya u li bit-trasferiment tal-interess benefiċċjarju tiegħu fil-bastiment m/y Indian Empress anke tramite strutturi oħrajn, dan ġie magħmul deliberatament bi ksur tal-obbligi kuntrattwali minnu pattwiti fil-konfront tal-banek rikorrenti bil-konsegwenza illi l-mod eventwali kif ġiet strutturata il-proprjeta' tal-bastiment m/y Indian Empress fi ħdan is-soċjeta' Indian Empress Limited kien tentattiv vizzjat b'aġir doluż, qarrieqi u in mala fede da parti tal-konvenut Dr. Vijay Mallya a skapitu u preġudizzju tal-Banek rikorrenti liema aġir huwa abbuż sfaċċat tad-duttrina tal-personalita ġuridika distinta tal-kumpaniji, u li tippermetti piercing of the veil.*

10. *Illi kif jiġi pruvat aħjar fil-kors ta' dina l-kawża, l-konvenut Dr. Vijay Mallya kien is-sid u benefiċċjarju aħħari tal-bastiment m/y Indian Empress u issa ta' kull ammont bilanċjali li baqa' depositat mir-rikavat tal-prezz depositat bis-saħħa taċ-ċedola ta' depositu hawn fuq ċitata;*

11. *Illi l-fatti fir-rikors maħluf odjern ma humiex magħrufa mill-mandatarju personalment iżda ġew spjegati u mgħarrfa lilu mill-mandanti tiegħu u wkoll dedotti mid-dokumenti rilevanti;*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex għar-raġunijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex għar-raġunijiet kollha premessi u prevja kull dikjarazzjoni opportuna :-*

1. *Tiddikjara eżegwibbli u konsegwentement tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Jannar 2017 mid-Debt Recovery Tribunal, Karnataka, f'Bangalore, l-India, fl-ismijiet "State Bank of India et vs Kingfisher Airlines Limited et' (OA No. 766/2013) in kwantu Dr. Vijay Mallya huwa wieħed mill-konvenuti f'din is-sentenza, bħallikieku kienet sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti biex b'hekk il-Banek rikorrenti jkunu f'qagħda li jeżegwixxu l-istess sentenza f'Malta;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi li bit-trasferiment tal-benefiċċju aħħari (beneficial ownership) tal-bastiment m/y Indian Empress mill-patrimonju personali tal-konvenut Dr. Vijay Mallya fi ħdan il-kumpanija Indian Empress Limited, anke tramite strutturi oħrajn, tali trasferiment sar bi skur tal-obbligi personali assunti mill-konvenut Dr. Vijay Mallya fil-konfront tal-Banek rikorrenti u li l-proprjeta' tal-bastiment m/y Indian Empress fi ħdan il-kumpannija Indian Empress Limited u/jew strutturi oħra intermedjarji li xorta huma kondiċibbli lil Dr. Vijay Mallya b'mod dirett jew indirett u bħala riżultat il-konvenut Dr. Vijay Mallya kkommetta aġir doluż, qarrieqi u in mala fede a skapitu u preġudizzju tal-rikorrenti liema aġir huwa abbuż sfaċċat tad-duttrina tal-personalita ġuridika distinta tal-kumpaniji, u li tippermetti piercing of the veil;*

3. *Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi kull ammont bilanċjali u rimanenti mir-rikavat tal-bejgħ tal-bastiment m/y Indian Empress wara li tħallsu l-kredituri marittimi tal-bastiment u li għadu depożitat biċ-ċedola ta' depożitu numru 1797/2018 u datata 26 ta' Settembru 2018 effettivament jista' jiġi liberament żbankat mill-Banek attriċi u mhux mis-soċjeta konvenuta Indian Empress Limited akkont tad-dejn kif kanonizzat bis-saħħa tas-sentenza hawn fuq imsemmija għaliex għandu jitqies bħala formanti parti mill-patrimonju personali tal-konvenut Dr. Vijay Mallya konsegwenza tal-aġir tiegħu kif hawn fuq premess;*

4. *Tordna r-rilaxx ossia l-iżbank a favur tal-Banek rikorrenti ta' kull ammont bilanċjali u rimanenti mir-rikavat tal-bejgħ tal-bastiment m/y Indian Empress u li kien depożitat biċ-ċedola ta' depożitu numru 1797/2018 u datata 26 ta' Settembru 2018 prevja li dan l-ammont minn dan l-imsemmi rikavat għandu jiġi likwidat minn dina l-Qorti għall-finijiet ta' din it-talba.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa nġunti sabiex jidhru personalment in subizzjoni.*

2. Rat illi fl-4 ta' Frar 2019 l-Avukat Kristina Rapa Manche` bħala mandatarja speċjali ta' Indian Empress Limited irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

*Tesponi bir-rispett u tikkonferma bil-ġurament il-fatti li ser isegwu (liema fatti ma tafhomx personalment, iżda qed tressaqhom bil-mod kif ġew ikkomunikati u spjegati lilha).*

*Introduzzjoni*

1. *Qabel ma jitressqu d-difiżi hu importanti li wieħed jifhem sewwa dak li qed jigi allegat, u fil-konfront ta' min qed isiru l-allegazzjonijiet.*

2. *F 'para 5 tar-rikors ġuramentat il-banek rikorrenti jgħidu li:*

   *" ... Dr. Vijay Mallya [recte: Mallya] kien il-benefiċċjarju aħħari (beneficial owner) ta' l-bastiment ossia yacht magħruf bl-isem "Indian Empress" u konsegwentement huwa kien obbligat li jżomm fil-patrimonju personali u/jew l-kontroll tiegħu il-proprjeta tal-imsemmi bastiment".*

3. *F'para 9 il-banek isostnu li:*

   *"Il-Banek rikorrenti jsostnu illi... [t]-trasferiment tal-interess benefiċċjarju tiegħu fil-bastiment m/y Indian Empress ... ġie magħmul deliberatament bi ksur tal-obbligi kuntrattwali [li ma jitneżżax mill-assi]... bil-konsegwenza illi l-mod eventwali kif ġiet strutturata il-proprjeta tal-bastiment m/y Indian Empress ... kien vizzjat b'aġir doluż, qarrieqi u in mala fede da parti tal-konvenut Dr. Vijay Mallya ... liema aġir huwa abbuż sfaċċat tad-duttrina tal-*

*personalita ġuridika tal-kumpaniji, u li tippermetti piercing of the veil.*

4. *A bażi ta' dawn il-premessi, il-banek qed jitoblu, inter alia, li jinstab li:*

   *"bit-trasferiment tal-benefiċċju aħħari (beneficial ownership) tal-bastiment ... mill-patrimonju personali [tiegħu] ... fi ħdan il-kumpanija Indian Empress Limited, anke tramite strutturi oħrajn, tali trasferiment sar bi ksur tal-obbligi personali assunti mill-konvenut ... fil-konfront tal-Banek ... u li l-proprjeta tal-bastiment ... fi ħdan il-kumpannija Indian Empress Limited u/jew strutturi oħra intermedjarji li xorta huma konduċibbli lil Dr. Vija Mallya b'mod dirett jew indirett u bħala riżultat il-konvenut Dr. Vijay Mallya kkommetta aġir ... [li] huwa abbuż sfaċċat tad-duttrina tal-personalita ġuridika distinta tal-kumpaniji, u li tippermetti piercing of the veil (it-tieni talba).*

5. *Permezz tat-tielet talba (li magħha tintrabat ir-raba' waħda) il-banek qed jitolbu:*

   *"Konsegwentement [din il-qorti qed tintalab] tiddikjara ... illi [il-bilanċ mill-bejgħ] jista' jiġi ... żbankat mill-Banek ... u mhux mis-soċjeta' Indian Empress Limited ... għaliex għandu jitqies bħala formanti parti mill-patrimonju personali tal-konvenut Dr. Vijay Mallya";*

6. *Fil-qosor, il-banek qed jallegaw, f'dawn il-proċeduri, li Dr Mallya kien il-beneficial owner tal-bastiment in kwistjoni meta ngħatat il-garanzija mogħtija minnu lill-banek, u li hu kiser dik il-garanzija meta żvesta ruħu tali beneficial ownership (billi, b'hekk naqqas il-patrimonju tiegħu). Fuq il-bażi ta' dawn il-premessi ċentrali, il-banek qed jitlobu, essenzjalment, li din il-qorti għandha tippermetti li l-banek jiżbankaw il-bilanċ tal-prezz li bih ġie mibjugħ il-bastiment, ex admissis dovut lil Indian Empress Limited, għaliex dan il-bilanċ 'għandu jitqies bħala formanti parti mill-patrimonju personali tal-konvenut Dr. Vijay Mallya' (it-tielet talba). Il-banek ma jagħtu l-ebda informazzjoni dwar kif jew meta Dr. Mallya allegatament żvesta ruħu minn tali beneficial owernship. Lanqas ma jgħidu fuq xiex qed jibbażaw l-allegazzjoni tagħhom.*

7. *Hemm proċeduri quddiem il-High Court of Justice ta' l-Ingilterra bejn il-banek, bħala rikorrenti, u Dr Mallya u oħrajn (mhux inkluża Indian Empress Limited), bħala konvenuti, li permezz tagħhom ir-rikorrenti ottjenew Registration Order skont it-termini tal-Foreign Judgements (Reciprocal Enforcement) Act 1933 and the Reciprocal Enforcement of Judgements (India) Order 1958 tas-sentenza li tat id-Debt Recovery Tribunal, f Kamtatake, Bangalore, India u li għaliha ssir referenza fir-rikors ġuramentat. Għaldaqstant, ir-rikorrenti qed jittentaw jinfurzaw is-sentenza tad-Debt Recovery Tribunal fuq l-assi kollha li għandu Dr. Mallya.*

8. *Fil-kuntest ta' dawk il-proċeduri, il-banek talbu u ottjenew kontra Dr Mallya dak li jissejjaħ worldwide freezing order ('WFO') li, fost affarijiet oħra, jobbliga lil Dr Mallya li jiddikjara lil High Court x'assi għandu. Indian Empress Limited tifhem, a bażi ta' informazzjoni li talbet, li Dr Mallya għamel tali dikjarazzjoni, u fiha hu ma indika l-ebda beneficial ownership fil-bastiment in kwistjoni, f'ebda mument rilevanti. Il-banek qed jattakkaw id-dikjarazzjoni ta' Dr Mallya u Indian Empress Limited tifhem li l-High Court ser ikollha tiddeċiedi dan il-punt. Jekk tiddecidieh favur il-banek, allura Dr Mallya ikollu jonora l-ordni tal-High Court u jara kif jagħmel u jrodd lura ammont ekwivalenti għall-bilanċ dovut lil Indian Empress Limited b'konsegwenza tal-bejgħ tal-bastiment taħt l-Awtorita' tal-Qrati Maltin.*

9. *Dan kollu Indian Empress Limited ma tidħolx fih u ma tesprimi ebda veduta dwaru. Ir-rimedju tal-banek (jekk hemm bażi għalih) hu kontra Dr Mallya u trid tagħtih il-High Court of Justice fl-isfond tal-proċeduri li qed jagħmlu l-banek permezz tal-WFO u r-Registration Order, mhux din il-qorti.*

10. *Dawn il-proċeduri, in kwantu diretti kontra Indian Empress Limited, jikkostitwixxu abbuż tal-proċess ġudizzjarju in kwantu huma intiżi biss biex isostnu mandat ta' sekwestru ottenut abbużivament, biex il-bilanċ tal-prezz tal-bastiment ma jiġix rilaxxat lilha. Il-banek jafu li qatt ma jistgħu jottjenu ebda sentenza, hawn Malta, kontra Indian Empress Limited. Dak li qed jisperaw hu li, billi jtawwlu l-proċeduri quddiem din il-qorti, jirnexxielhom iżommu l-mandat in vigore sakemm l-Qorti Ingliża tiddeċiedi l-kwistjoni tal-allegat interess li suppost kellu Dr Mallya fil-bastiment in kwistjoni.*

*Id-difiżi*

11. *L-azzjoni, almenu fil-konfront ta' Indian Empress Limited, ma tistax tirnexxi għaliex:*

    a. *L-att promutur - ir-rikors ġuramentat - hu null in kwantu l-liġi trid li talba biex tigi enforzata sentenza estera bħal dik in kwistjoni trid issir b'rikors, mhux b'rikors ġuramentat; għalhekk Indian Empress Limited għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju; u/jew*

    b. *Mingħajr preġudizzju għall-ewwel difiża, din il-qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tindaga dwar l-allegat ksur, da parti ta' Dr Mallya, tal-garanzija favur il-banek u li hu a bażi tiegħu li tressqu t-tielet u r-raba' talbiet fil-konfront ta' Indian Empress Limited; lanqas m'għandha ġurisdizzjoni biex tindaga ebda aġir ta' Indian Empress Limited, jew li tagħmel ebda ordni kontriha, jew li jolqot l-assi tagħha, kif mitlub; jsegwi li l-qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni fir-rigward tat-talbiet li jolqtu lil Indian Empress Limited; għalhekk Indian Empress Limited għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; u/jew*

c. *Mingħajr preġudizzju għad-difiżi preċedenti, Indian Empress Limited mhix il-leġittima kontradittriċi għat-talba numru 1, tant li l-istess mhix diretta lejha; u t-talbiet bin-numri 3 u 4 (u t-talba numru 2 in kwantu preordinata għalihom) mhumiex ammissibli f'azzjoni għall-eżekuzzjoni ta' sentenza barranija; għalhekk Indian Empress Limited għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju; u/jew*

d. *Mingħajr preġudizzju għad-difiżi precċedenti, fin-nuqqas ta' allegazzjoniet (u talbiet konsegwenzjali) ta' egħmil da parti ta' Indian Empress Limited li seta', jekk ippruvat, jwassal għal telfien tad-dritt tagħha li tiżbanka l-bilanċ, din il-qorti qatt ma tista' tagħti rimedju li jippriva lil Indian Empress Limited minn dak li hu, ex admissis, dritt tagħha; għalhekk, Indian Empress Limited għandha tiġi liberata mid-domandi; u/jew*

e. *Mingħajr preġudizzju għad-difiżi preċedenti, jekk jiġi ppruvat ksur, da parti ta' Dr Mallya, tal-kuntratt mal-banek, dan ma jagħtix rimedju kontra Indian Empress Limited: jagħti rimedju biss kontra Dr Mallya; għalhekk ukoll, Indian Empress Limited għandha tiġi liberata mid-domandi; u/jew*

f. *Mingħajr preġudizzju għad-difiżi preċedenti, Indian Empress Limited tgħid, fil-mertu, li hi m'għamlet xejn li jista' jtellifha d-dritt għall-bilanċ tal-prezz tal-bastiment in kwistjoni; u li l-banek m'għandhom ebda rimedju kontriha kif mitlub; għalhekk ukoll, Indian Empress Limited għandha tiġi liberata mid-domandi; u/jew*

g. *Mingħajr preġudizzju għad-difiżi preċedenti, din il-kawża tikkostitwixxi, almenu fil-konfront ta' Indian Empress Limited, abbuż tal-proċess ġudizzjarju, u li għandha għalhekk tiġi liberata mid-domandi.*

*Il-fatti*

12. *Fir-rigward tal-fatti kif mressqa fil-paragrafi 1, 2, 3, 4 l-esponent nomine m'għandhiex x'tikkummenta peress li ma jirrigwardawx l-Indian Empress Limited u għaldaqstant ma tistax tikkonferma jew tiċħad il-fatti kif esposti;*

13. *L-esponent nomine taqbel mal-fatti esposti fil-paragrafi enumerati 6,7 u 8;*

14. *Fir-rigward tal-fatti kif mressqa fil-paragrafi 5 u 9, l-esponent nomine tirrispondi li, sa fejn hi mgħarrfa, Dr. Vijay Mallya mhuwiex il-benefiċċju aħħari ta' Indian Empress Limited u lanqas ma kien il-benefiċċjarju aħħari tal-bastiment meta ngħatat il-garanzija li fuqha jistrieħu l-banek.*

*Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fil-15 ta’ Frar 2019, Sankaranarayanan Ramamurthy, bħala mandatarju speċjali ta’ Vijay Mallya, irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi dak li qed jikkonferma fuq din it-tweġiba ġuramentata bl-ilsien Malti ġie mfisser lilu bl-ilsien Ingliż mill-avukat difensur sottofirmat u li ngħata traduzzjoni mill-Malti għall-Ingliż qabel ma għamel din id-dikjarazzjoni. Jistqarr ulterjorment illi l-fatti li ser jistqarr, ma jafhomx kollha personalment, iżda qed iressaqhom bil-mod kif ġew ikkomunikati u spjegati lilu mill-konvenut Vijay Mallya, li qabel ma kkonferma l-awtorizzazzjoni tiegħu sabiex l-esponent jagħmel din it-tweġiba, kellu f’idejh traduzzjoni bl-Ingliż tal-kontenut ta' dan l-att u kkonferma quddiem l-esponent il-korrettezza tal-kontenut.*

   2. *Illi din il-kawża hi maqsuma f’diversi partijiet u fil-fatt hi ġabra ta' diversi azzjonijiet u dikjarazzjonijiet separati li huma:*

      - *Rikonoxximent u enforzar ġewwa Malta, ta' sentenza ta' tribunal ġewwa l-istat ta' Karnataka fl-India;*

      - *Premessa illi l-konvenut huwa (jew fil-mument tal-bejgħ tiegħu, kien) il-benefiċċjarju aħħari tal-bastiment m/y Indian Empress;*

      - *Illi l-konvenut kien marbut lejn l-rikorrenti permezz ta' garanzija sabiex jagħmel tajjeb għall-kreditu pretiż mill-rikorrenti, mertu tad-deċiżjoni tal-imsemmi tribunal Indjan;*

      - *Illi din il-garanzija kien tikkomporta illi hu ma jiżvestix ruħu minn assi personali sakemm għadu garanti;*

      - *Illi l-bejgħ tal-bastiment imsemmi kiser din l-obbligazzjoni;*

      - *Illi hemm lok għall-piercing of the corporate veil sabiex jiġi stabbilit li l-fondi li fadal mill-bejgħ tal-bastiment, li għad fadal fiċ-ċedola ta' depożitu numru 1797/2018, wara li tħallas il-kreditur li pprokura l-bejgħ tiegħu, huma fondi ta' Vijay Mallya;*

      - *Illi għalhekk l-rikorrenti għandu jkollhom id-dritt li jiżbankaw il-fondi bilanċjali fl-imsemmija ċedola ta' depożitu, u li l-qorti tordna dan ir-rilaxx a favur l-rikorrenti.*

   3. *Illi l-konvenut jilqa' għal dawn it-talbiet bis-segwenti eċċezzjonijiet :-*

   4. *Illi qabel xejn jiġi skjarit illi minkejja li l-ewwel talba tirrigwarda ir-rikonoxximent u twettiq ta' deċiżjoni ta' tribunal barrani, din l-istess talba tkun vojta jekk qabel xejn ma jkunux skjariti w deċiżi t-talbiet l-oħrajn. Hu veru li r-rikorrenti għażlu li jibdew it-talbiet bit-talba hawn imsemmija, iżda dan mhux l-ordni loġiku u mhux ġuridikament korrett. Ikun inutili għall-aħħar illi tiġi ventilata u deċiża t-talba għall-*

*rikonoxximent u twettiq ġewwa Malta tal-imsemmija deċiżjoni, jekk ma jkunx hemm fuq xiex titwettaq tali deċiżjoni. Dan preċiżament għaliex ikun hemm karenza ta' interess ġuridiku fit-talba.*

5. *Una volta stabbilit dan, tidħol minnufih il-kwistjoni dwar il-ġurisdizzjoni ratione territorii ta' din fl-qorti biex tindaga fuq it-talbiet 2 u 3, li huma ċentrali u li mingħajr deċiżjoni favorevoli għall-rikorrenti dwar l-istess talbiet, it-talba numru 4 ma tistax tirnexxi, u dan jirrendi inutili t-talba numru 1.*

6. *Illi għalhekk qiegħda titressaq minn issa in limine litis, l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti minħabba illi ma japplika għalihom (talbiet 2 u 3) l-ebda kriterju elenkat fl-Artikolu 742 tal-Kap.12.*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni u assolutament mingħajr ma dan li jsegwi għandu jitqies bħala aċċettazzjoni ta', jew sottomissjoni għal, ġurisdizzjoni ta' din il-qorti, l-esponent jeċċepixxi ulterjorment dan li ġej.*

8. *Illi qabel xejn, l-rikorrenti iridu jissodisfaw lil din il-qorti illi l-imsemmija deċiżjoni tad-Debt Recovery Tribunal tissodisfa ir-rekwiżiti tal-Artikolu 826 tal-Kap. 12, u għalhekk minn issa stess l-esponent jeċċepixxi illi skond il-liġi viġenti fl-Indja, dik id-deċiżjoni lanqas biss ma hi enforzabbli barra mill-Istat ta' Karnataka, u li a fortiori b'hekk ma tistax tkun kapaċi ta' twettiq extra territorjali.*

9. *Ulterjorment kif ser jirriżulta, l-proċedura minnha nnifisha tilledi id-dritt fondamentali ta' Vijay Mallya billi ma tagħtix aċċess liberu għall-proċedura ta' appell, u għalhekk tmur kontra l-public policy ta' Malta u għalhekk tfalli l-iskrutinju a bażi tal-Artikolu 827(l)(c) tal-Kap.12.*

10. *Ulterjorment fuq il-mertu, fir-rigward tat-tieni talba, l-esponent jiċħad illi Vijay Mallya kien b'xi mod benefiċċjarju aħħari tal-bastiment m/y Indian Empress fil-waqt tal-bejgħ tiegħu u filwaqt illi jinsisti illi l-rikorrenti jġibu prova ta' dan, hu lest li jressaq provi preċiżi biex juri l-kuntrarju. Jiċħad ukoll li hu wettaq xi forma ta' qerq jew frodi kif qed jiġi allegat fl-istess talba.*

11. *Isegwi mis-suespost illi it-tielet talba hi infondata wkoll kemm fil-fatt u fid-dritt u l-ammont bilanċjali hemm imsemmi fiha ma jappartjenix, u qatt ma appartjena, lill-konvenut Vijay Mallya.*

12. *Illi una volta akkolti l-eċċezzjonijiet ġia mfissra, għandu jirriżulta illi l-konvenut lanqas biss ma hu l-leġittimu kontradittur fir-rigward tar-raba' talba, in kwantu din tittenta li tolqot flus li m'għandhom l-ebda konnessjoni mal-konvenut, u kwindi ma jispettax lilhu jissottometti x'għandu jsir minnhom.*

13. *Illi għal dawn il-motivi, u b'riserva għal kull eċċezzjoni ulterjuri li jista' jinoltra skond il-liġi, jissottometti illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu*

*miċħudin bl-ispejjeż kontra l-rikorrenti li jibqgħu minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.*

**Provi**

4. Rat illi fid-9 ta' April 2019, fuq talba tal-partjiet, kien hemm qbil illi l-ewwel tiġi kkunsidrata u deċiż l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti mqajjma mill-intimati.

5. Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti.

6. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur, ossija:

    a. Kopja tas-sentenza tad-19 ta' Jannar 2017 mogħtija mid-Debts Recovery Tribunal, Karnataka, Bangalore, India.

    b. Kopja ta' Master Debt Recast Agreement tal-21 ta' Diċembru 2010.

    c. Kopja ta' garanzija personali datata 21 ta' Diċembru 2010.

    d. Kopja ta' provvediment ta' dina 1-Qorti fl-atti tar-rikors Numru 901/2018 fl-ismijiet Av. Tonio Fenech noe vs il-Bastiment m/y Indian Empress u datat 25 ta' Settembru 2018.

    e. Kopja ta' Bill of Sale datat 26 ta' Settembru 2018.

    f. Kopja ta' Ċedola ta' Depositu Numru 1797/2018 datata 26 ta' Settembru 2018.

    g. Kopja ta' Annual Return sat-23 ta' Awwissu 2017 ta' Indian Empress Limited.

    h. Kopja ta' Rikors fl-atti taċ-ċedola hawn fuq indikata tal-5 ta' Novembru 2018.

7. Rat l-affidavit ta' **Jayprakash Vallabh**, ippreżentat mis-soċjeta' intimata Indian Empress Limited fis-6 ta' Novembru 2018 (fol 221) flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppreżentati.

8. Rat l-affidavit ta' **Vijay Mallya** ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2019. (fol 254)

9. Rat l-affidavit ta' **Nicholas Michael Curling**, solicitor tas-soċjeta' rikorrenti minnhom awtorizzat u ppreżentat fl-20 ta' Jannar 2020 (fol 256) flimkien ma' dokumentazzjoni varja dwar proċeduri ġewwa l-Ingilterra.

10. Rat illi fit-3 ta' Lulju 2021 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet intimati bil-miktub.

11. Rat illi fil-31 ta' Lulju 2020, ir-rikorrenti, fuq talba tal-intimati, indikaw illi l-bażi tal-azzjoni tagħhom huwa l-Artikolu 741 (1) (c) tal-Kap 12 fil-konfront taż-żewġ partijiet kif ukoll, fil-konfront tas-soċjeta' intimata Indian Empress Limited, l-Artiklu 742 (1) (g) tal-Kap 12. (fol 491)

12. Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2020, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-intimat Vijay Mallya. (fol 493)

13. Rat illi fis-27 ta’ Ottubru 2020 ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub tas-soċjeta’ intimata Indian Empress Limited kif rappreżentata minn Dr Kristina Rapa Manche. (fol 499)

14. Rat illi fis-16 ta’ Diċembru 2020 ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub tas-soċjeta’ rikorrenti, kif rappreżentata minn Dr Louis Cassar Pullicino. (fol 520)

15. Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jitrattaw ulterjorment u bil-fomm fis-seduta tal-4 ta’ Mejju 2021.

16. Rat illi fl-4 ta’ Mejju 2021 il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni ta’ ġurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti.

**Fatti tal-każ**

17. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi s-soċjeta’ konvenuta Indian Empress Limited, li hija kumpannija reġistrata ġewwa Isle of Man u li ma għandha ebda uffiċċju jew domiċilju ġewwa Malta, kienet propretarja ta’ bastiment li kien jisimha m/y Indian Empress u li kien sorġut f’Malta.

18. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-konvenut Dr. Mallya, li huwa mwieled l-India u jinsab residenti ġewwa l-Ingilterra u li ma għandux domiċilju u/jew residenza u/jew ċittadinanza Maltija, permezz ta’ kuntratt datat 21 ta’ Diċembru 2010 (fol 148) iffirmat ġewwa Bangaluru, India, u soġġett għal-liġijiet Indjani, kien ikkostitwixxa a favur ta’ l-istess banek rikorrenti garanzija personali, b’referenza għal kuntratt iffirmat minn Kingfisher Airlines Limited mal-banek rikorrenti, fejn hu obbliga ruħu fil-konfront tal-banek rikorrenti li ma jbiegħ xejn mill-assi tiegħu sakemm jitħallas id-dejn li hu kien garanti għalih personalment.

19. Jirriżulta illi, skond il-banek rikorrenti, din il-garanzija personali ngħatat lilhom fi żmien meta l-konvenut Dr. Mallya kien il-benefiċċjarju aħħari tal-bastiment, ossija yacht magħruf bħala ‘Indian Express’, li kien propjeta tas-soċjeta’ konvenuta Indian Empress Limited.

20. Jirriżulta li fil-25 ta’ Settembru 2018, il-Qrati ta’ Malta ordnaw li jsir il-bejgħ privat tal-imsemmi bastiment ‘Indian Empress’, abbażi ta’ titolu eżekuttiv tal-Barclays Bank plc, versu il-prezz ta’ ħamsa u tletin miljun Euro (€35,000,000) favur is-soċjeta’ Maltija Sea Beauty Yachting Limited, liema Barclays Bank plc kellu kreditu naxxenti minn ipoteka navali fuq il-bastiment. (fol 158)

21. Jirriżulta, li r-rikavat tal-bejgħ tal-bastiment, kif ordnat mil-Qorti, ġie depositat il-Qorti permezz ta’ ċedola ta’ depożitu Nru.1797/18 fis-26 ta’ Settembru 2018. (fol 165)

22. Jirriżulta illi sussegwentement, wara li sar il-bejgħ u r-rikavat ġie depositat il-Qorti, varji krendituri tal-imsemmi bastiment ippreżentaw rikors konġunt fil-5 ta’ Novembru 2018, fejn talbu li jiġi żbankat l-ammont komplessiv ta’ Euro 30,865,497.37 a saldu tal-krediti rispettivi. (fol 174)

23. Jirriżulta illi l-banek rikorrenti, b’sentenza datata 19 ta’ Jannar 2017 mogħtija mid-Debt Recovery Tribunal f’Bangalore, fl-Indja, ġew kanonizzati kredituri fil-konfront

ta' Kingfisher Airlines Limited, United Breweries (Holdings) Limited, Kingfisher Finvest (India) Limited, SBICAP Trustee Company Limited, The Commissioner of Service Tax, Diageo Holding Netherlands B.V., Unit Trust of India Investment Advisory Services Limited, Standard Chartered Bank u Dr. Vijay Mallya personalment, fl-ammont ta' Euro 1,302,957,910.00, u dan b'konnesjoni ma' kreditu li oriġina minn Master Dept Recast Agreement datat 21 ta' Diċembru 2010 (fol 13).

24. Jirriżulta illi, abbażi tas-sentenza mogħtija ġewwa Bangalore, India, il-Banek rikorrenti qed jipproċedu, quddiem dina l-Qorti, biex jitolbu l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija f'Bangalore fl-Indja datata 19 ta Jannar 2017, li hija l-ewwel talba rikorrenti.

25. Jirriżulta, iżda, illi apparti tali talba, r-rikorrenti qed jitolbu wkoll lill-Qorti Maltija sabiex tiddikjara li l-intimat Dr. Vijaj Mallya kiser l-obbligi assunti minnu fil-konfront tal-banek rikorrenti bil-ftehim iffirmat ġewwa l-India fis-sena 2010 meta ikkommetta aġir doluż u qarrieqi billi ppermetta illi l-bastiment Indian Empress jinbiegħ minkejja dikjarazzjoni tiegħu li ma kien ser ibiegħ xejn li jappartjeni lilu, u din hija t-tieni talba rikorrenti.

26. Jirriżulta illi, abbażi ta' tali dikjarazzjoni, ir-rikorrenti talbu wkoll lil Qorti Maltija sabiex jiġi dikjarat li Dr Vijaj Mallya kien attwalment l-beneficial owner tal-bastiment Indian Empress, bir-riżultat illi li l-ammonti bilanċjali mir-rikavat tal-bejgħ tal-bastiment għandhom jiġu liberati u żbankati favur il-banek rikorrenti u mhux lis-soċjeta' konvenuta Indian Empress Ltd, u dawna huma t-tielet u raba' talba tar-rikorrenti.

## Ikkunsidrat

27. Din hija sentenza *in parte* fuq l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

28. Jirriżulta, di fatti, illi s-soċjeta' intimata Indian Empress Limited, fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha eċċepiet li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tindaga dwar l-allegat ksur ta' Dr. Mallya tal-garanzija favur il-banek, li abbażi tiegħu tressqu it-tieni u tielet talba fil-konfront ta' Indian Empress Limited, u lanqas m'għandha ġurisdizzjoni biex tindaga l-aġir ta' Indian Empress Limited, jew li tagħmel ordni kontriha jew li tolqot l-assi tagħha, ossija l-hekk imsejħa '*piercing of the corporate veil*'.

29. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi, l-intimat Vijaj Mallya, permezz tal-ħames eċċezzjoni tiegħu, sostna li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi u tindaga fuq it-tieni u t-tielet talba, u żied jgħid li, mingħajr deċiżjoni favorevoli għall-rikorrenti dwar dawn it-talbiet, ir-raba' talba ma tistax tirnexxi, u l-ewwel talba tiġi inutli.

## L-Eċċezzjoni ta' Ġurisdizzjoni

30. Il-Qorti tosserva illi jirriżulta, mill-assjem tal-atti, illi l-Banek rikorrenti qed jibbażaw l-argument legali dwar il-ġurisdizzjoni a tenur tal-Artikolu 742 (1) (c) tal-Kap 12 kif ukoll, fejn jirrigwarda s-soċjeta' Indian Empress Limited, l-Artikolu 742 (1) (g) tal-Kap 12. Di fatti, fis-sottomissjonijiet tar-rikorrent nomine, ġie sottomess li l-istħarriġ

fil-mertu tal-vertenza odjerna huwa attwalment dwar jekk ir-rikavat tal-bejgħ tal-bastiment, depożitat fir-Reġistru tal-Qorti f'Malta, għandux jiġi rilaxxat favur r-rikorrenti flok favur is-soċjeta' intimata.

31. Jirriżulta li, mill-banda l-oħra, l-konvenut Dr. Mallya jisħaq li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni fil-kawża odjerna, peress li l-fatt li hawn ir-rikavat tal-bastiment f'Malta kif ukoll li hemm kreditu kontrih, waħdu ma jwassalx għal-ġurisdizzjoni. Dana qiegħed jingħad, skond l-intimat Mallya, peress li l-Qorti Maltija ma tistax tissindika jekk hu kienx kiser jew le l-garanzija li għamel fl-Indja, peress illi huwa la huwa domiċiljat Malta u wisq anqas ma għandu assi Malta. Mallya jisħaq ukoll illi ladarba l-Qorti ma tistax tqis jekk inkisritx il-garanzija personali jew le, wisq anqas ma tista' l-Qorti tqis jekk għandhiex issir il-'*lifting of the corporate veil*' tas-soċjeta' intimata Indian Empress Limited jew le.

32. Jirriżulta illi, da parte tagħha, is-soċjeta' intimata Indian Empress Limited sostniet illi hija inkorporata fl-Isle of Man, u l-'*ultimate beneficial trust owner*' hija Trust magħrufa bħala VMDS Trust. Saħqet ukoll illi l-Banek rikorrenti m'għandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' Indian Empress Limited, li del resto m'għandhiex l-ebda assi jew proprjeta` f'Malta, għajr għal flejjes riżultanti mill-bejgħ bil-Qorti tal-bastiment li kien propjeta' tagħha. Finalment, in linea ma' dak ġia sottomess mill-initmat Mallya, hija insistiet illi l-Qorti ma setgħetx tinvestiga l-garanzija personali illi kien ta' Mallya u jekk kienx hemm xi ksur tagħha, stante illi ma kellhiex ġurisdizzjoni tagħmel dan.

33. Jirriżulta illi l-**Artikolu 742(1), sub-inċiż (c) u (g) tal-Kap 12** jipprovdu dan li ġej:

> *'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta, mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija-*
>
> *(c) Kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta.*
>
> ....
>
> *(g) Kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.*

34. Illi jibda biex jingħad li, minkejja l-mod kif l-Artikolu 742(1) huwa mfisser, il-kwistjoni ta' jekk Qorti Maltija għandhiex is-setgħa li tisma' u tqis kawża mressqa quddiemha u jekk il-mertu tagħha jaqgħax fil-kompetenza tagħha jew le trid titqies b'riferenza għall-kwalitajiet tal-persuna mħarrka, l-iżjed fejn ir-raġuni tal-ġurisdizzjoni hija mibnija fuq il-preżenza o meno tal-parti mħarrka f'Malta. Din it-tifsira m'hija xejn għajr l-applikazzjoni tal-massima ġuridika ewlenija li *actor sequitur forum rei* u tal-oħra li tipprovdi *ubi te invenio, ibi te convenio*. (**Angelo Cutajar and Sons Ltd v Dr. Anthony Cremona noe** – PA JRM Deċ - 16 ta'Ottubru 2003. **Raymond Calleja v Dr. Raymond Pace et noe**. App. Ċiv. Deċ - 31 ta'Jannar 1996.

35. Għalhekk irid jiġi mistħarreġ jekk jistax japplika l-Artikolu 742 (1) (c) u (g) għal fatti u ċirkostanzi ta' dan il-każ.

36. Jirriżulta mhux ikkontestat illi l-intimat Vijay Mallya la huwa domiċiljat u wisq anqas ċittadin ta' Malta, stante ilil huwa ċittadin Indjan residenti ġewwa l-Ingilterra.

37. Jirriżulta mhux ikkontestat ukoll illi s-soċjeta' intimata Indian Empress Limited, ġia sid tal-bastiment Indian Empress, ukoll la hija domiċiljata u wisq anqas residenti ġewwa Malta, stante illi hija reġistrata ġewwa l-Isle of Man u ma għandha ebda uffiċċju reġistrat ġewwa Malta.

38. Jirriżulta, iżda, illi l-bastiment Indian Empress kien mibjugħ bi proċeduri ġudizzjarji ġewwa Malta fil-25 ta' Settembru 2019 għas-somma ta' ħamsa u tletin miljun Euro (€35,000,000) w r-rikavat tal-bejgħ huwa depositat fir-Reġistru tal-Qorti.

39. F'dan ir-rigward, jirriżulta illi l-banek rikorrenti qed jinvokaw il-ġurisdizzjoni taħt is-subinċiż (c) u (g) ta' dan l-artikolu, minħabba l-fatt li l-flus u r-rikavat tal-bastiment jinsabu depożitati fir-Reġistru tal-Qorti f'Malta.

40. Minn naħa l-oħra, l-intimati jissottomettu li l-kawża odjerna ma tikkonċernax biss dan ir-rikavat tal-imsemmi bastiment. Infatti, il-konvenuti sostnew li għalkemm il-flus jinsabu f'Malta, mhuwiex biżżejjed sabiex wieħed jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni.

## Ikkunsidrat

41. Fil-ġurisprudenza nostrana, ġie kemm il-darba ritenut li, trattandosi ta' oġġetti mobbli, il-Qorti għandha *prima facie* ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' talba li hija b'xi mod konnessa ma' dawk il-mobbli. (**Joseph Lanzon v Dr. Joseph Cassar Galea et noe**, deċiża mill-Prim' Awla fid-19 ta' Ġunju, 1951; **Margaret Attard vs Dr. Ian Spiteri Bailey noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Marzu 2004.)

42. Bl-istess mod, fil-każ, **Ellul vs. Valenzia** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Lulju 1987, irriteniet li l-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tiddetermina kwistjoni bejn iż-żewġ persuni, mhux residenti f'Malta, meta l-mertu tal-każ kien jittratta depożiti li jinsabu f'Malta. F'dak il-każ, id-depożitu kien ġie sbankat sa meta ġiet istitwita l-kawża.

43. Ukoll, fil-każ fl-ismijiet **Dr. Ann Fenech noe. Vs Dr. Louis Cassar Pullicino noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appel fit-2 ta' Lulju 2010 (90\2004) il-Qorti tal-Appell irreferiet għas-sentenza **Avv. Dr. Philip Manduca noe vs Av. Dottor Mark Chetcuti noe** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-25 ta' Frar 1993, fejn intqal illi l-oġġett, li jkun jinsab Malta ai termini tal-Artikolu 742 (1) (c) tal Kap 12, irrid ikun '*innifsu l-mertu tal-kawża*'.

44. Fil-kawża surriferita, ir-rikorrenti talbu ir-rifużjoni lura ta' ammont depożitat f'kont bankarju f'Malta f'isem personali tal-intimat, u l-partijiet ma kinux ċittadini Maltin u ma kinux residenti u domiċiljati f'Malta. F'dan il-każ, ingħad:

> *"Irid jiġi enfasizzat li biex il-Qorti Maltija tirradika il-ġurisdizzjoni tagħha fuq din id-disposizzjoni jrid ikun hemm sine qua non ir-rekwiżit li l-oġġett innifsu mertu tal-kawża jrid ikun jinsab f'Malta…….*
>
> *Illi ma jkun hemm l-ebda dubju li l-azzjoni tentata mill-attur, ma hijiex waħda in rem, iżda invece hi waħda in personam……*
>
> *Jidher mhux inkontestat li l-partijiet assolutament ma għandhom l-ebda rabta jew ness ma Malta ħlief li l-konvenut għandu kont bankarju hawn."*

45. Għaldaqstant, kieku l-Qorti kellha tapplika tali tagħlim għall-każ odjern mingħajr ma tikkunsidra elementi oħra, jirriżulta illi, kif jikkontendu l-Banek rikorrenti, di fatti hemm ġurisdizzjoni sabiex dina l-Qorti tikkunsidra l-każ odjern.

46. Madanakollu, il-Qorti tqis illi għandha tagħmel ċerti osservazzjonijet ulterjuri dwar elementi oħra li jridu jitqiesu abbażi tar-rikors promotur kif redatt.

47. Jirriżulta illi l-Bank rikorrenti qegħdin jittentaw tali proċeduri abbażi ta' sentenza ottjenuta ġewwa l-Bangladesh, India, fil-konfront ta' varji kumpanniji inkluż l-intimat Vijay Mallya – is-soċjeta' intimata Indian Emperess Limited ma tiffigurax fis-sentenza illi qiegħda tiġi hawn eżegwita!

48. Jirriżulta illi l-Bank rikorrenti bdew proċeduri kontra s-soċjeta' Indian Empress Limited, kemm in vista tal-fatt illi hemm fondi depositati l-Qorti riżultanti mill-bejgħ tal-bastiment, kif ukoll, <u>u aktar importanti</u>, abbażi tal-fatt illi, skond huma, s-soċjeta' Indian Empress Limited ġiet strutturata b' "*tentativ vizzjat b'aġir doluż, qarrieqi u in malafede da parte tal-konvenut Dr Vijay Mallya a skapitu u preġudizzju tal-Banek rikorrenti*", bir-riżultat illi huma jikkontendu li l-flejjes depositati fil-Qorti huma attwalment ta' l-intimat Vijay Mallya u għalhekk għandhom dritt għalihom.

49. Jirriżulta, għalhekk, illi l-punto di partenza u l-bażi prinċipali tal-azzjoni odjerna hija l-allegat aġir doluż, qarrieqi u in malafede da parte tal-konvenut Dr Vijay Mallya a skapitu u preġudizzju tal-Banek rikorrenti, u mhux il-fatt illi jinsabu f'Malta assi li allura jagħtu ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti.

50. Huwa għalhekk ovvju li l-kwisjoni dwar jekk is-soċjeta' intimata Indian Empress Limited għandhiex assi f'Malta jew le, hija attwalment sekondarja għat-talba prinċipali tar-rikorrenti, li hija sabiex dina l-Qorti tiddikjara qerq fuq l-aġir intimat Dr Vijay Mallya, liema dikjarazzjoni ċertament dina l-Qorti ma għandha ebda ġurisdizzjoni sabiex tinvestiga w wisq anqas tiddeċiedi, stante illi l-istess Mallya, personalment, ma għandu ebda konnessjoni ma' Malta illi tista' b'xi mod tagħti ġurisdizzjoni lil dina l-Qorti għat-talba kif redatta mir-rikorrenti.

51. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti għamlu referenza fit-tul għall-każ reċenti fl-ismijiet **Sberbank vs Palmali International Limtied** deċiż f'Marzu 2021, liema każ kien jirrigwarda trasferiment ta' ishma. Madanakollu, kif anke sottomess mill-intimati, l-fattispeċje ta' dak il-każ ma għandhom ebda somiljanza għal fatti tal-każ odjern – fil-każ odjern, is-soċjeta' rikorrenti qed jikkontendu qerq fil-konfront ta' Vijay Mallya, li hawn Malta ma għandu xejn, u mingħajr ma tikkunsidra tali allegazzjoni, din il-Qorti

ma tistax tasal biex tiddeċiedi l-kwistjonijiet l-oħra mitluba, stante illi tali allegat qerq huwa l-pern tal-kwistjoni kollha quddiem dina l-Qorti.

52. Konsegwentement, din il-Qorti tiddisponi minn din il-kwistjoni billi tilqa' l-eċċezzjonijiet dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti u dan billi tasal għall-konklużjoni li m'għandhiex ġurisdizzjoni biex titratta u biex tordna bil-prosegwiment tal-każ in vista tat-talbiet kif redatti.

**53.** Għalhekk, din il-Qorti, f'dan l-istadju, ser tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari għan-nom tas-soċjeta' konvenuta Indian Empress Limited. Tilqa' wkoll il-ħames eċċezzjoni preliminari għan nom tal-konvenut Dr. Mallya.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partjiet kif ukoll semgħet it-trattazzjoni orali tagħhom;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni preliminari mqajjma mis-soċjeta' konvenuta Indian Empress Limited kif wkoll il-ħames eċċezzjoni mqajjma mill-konvenut Dr. Mallya.

**Tiddikjara** li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tipproċedi bis-smigħ ta' dan il-każ, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talba rikorrenti kif dedotta.

**Spejjeż** jitħallsu mit-rikorrenti nomine.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur